CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

L- Erbgħa, 12 ta' April 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Camille Scerri- Kunsilliera
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

50.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Disa' u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

50.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.3.1 Is- Sindku infurma lil- Kunsill li kellu laqgħa mal- Case officer tal-Planning Authority li qed isegwi l-applikazzjoni PA 00983/17 fir-rigward tas-siġġijiet, tinda u mwejjed biex jitpoġġew fi Pjazza Mesquita. Prezenti għal-din il-laqgħa kien hemm il-Viċi Sindku Joseph Debono. Fir-rigward ta' dan il-kaz, is- Sindku kien tal-fehma li għandna nibgħatu ittra uffiċċjali lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Lands, Dr Deborah Schembri fuq dan ir-rigward u ninfurmawha bil-konsegwenzi li jezisti ġewwa l-Mdina f'kaz li din l-applikazzjoni tiġi approvata.

50.3.2 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas- Sur Clifford Galea Vella fejn dan, wera l-interess li jibda jtella xi wirji ta' l-arti ġewwa Casino Notabile. Il-Kunsill approva u ser jibdew it-taħdidiet miegħu fil-ġimgħat li ġejjin.

50.3.3 Is- Sindku ressaq talba ta' GO plc biex titwaħħal kaxxa barra l-Mdina b'konnessjoni mal- *fibre optic internet* li qed jinstallaw ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill approva.

50.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l- Perit Ray Farrugia mill-Ministeru tax-Xogħolijiet u Trasport Pubbliku infurmaħ li fil-ġimgħat li ġejjin ser joħroġ t-tender għat tkomplija tar-railings fuq it-Tomba.

50.3.5 Il-Sindku f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera, is- Sinjura Mary Ann Sultana ta' l-għajnuna li tat biex seta jkun possibbli li jingħataw l- € 10,000 għotja mingħand il-Malta Tourism Authority b'rabta mal-Mdina Medieval tas- sena l-oħra.

50.3.6 Is- Sindku qal li fid-dawl ta' l-allegat inċident li ġara fil-playgrounds barra l-Mdina, huwa kien tal-fehma li jitqabbad persuna teknika fuq il-Health and Safety biex iħejji *Risk Assessment Report* għal-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva

50.3.7 Is- Sindku talab lill-Kunsill biex japprova li jintalbu xi kwotazzjonijiet biex jitwaħħlu madwar l-Mdina 10 bins tas- sigaretti u jizdiedu ma dak ezistenti. Il-Kunsill approva.

**50.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

50.4.1 Il-Viċi Sindku Joe Debono xtaq jirringrazzja lil dawk kollha involuti fil-prezentazzjoni teatrali tal- Nazri li ttellat matul il-ġranet tal-Gimgħa L-Kbira.

**50.5 Medieval Mdina 2017**

50.5.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-preparamenti għal attivita' tal-Medieval Mdina waslu fil-fazi finali fejn ta' rendikont tal-program imfassal ghal dawk il-jumejn tal-festiva

**50.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju**

50.6.1 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li skond iċ- Cirkulari Numru 16/2016, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jitlob lill-Kunsilli kollha biex jaħtru Deputat Segretarju Ezekuttiv u huwa kien qed jipproponi lis- Sinjorina Doriette Farrugia, Segretarju Ezekuttiv fil-lokalita' ta' Ħal Balzan għal din l-kariga. Il-Kunsill approva.

**50.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

50.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-12 ta’ April 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 22,804.76

50.6.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**50.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

50.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 10 ta’ Mejju 2017 fit-3pm

| | |
|---|---|
| ____IFFIRMATA_______ | _____IFFIRMATA_______ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 10-05-2017_______